VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 274 tal-2013

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Renju tal-Belġju)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2013 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Renju tal-Belġju), u dan l-Ordni għandu jinqara' u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Renju tal-Belġju), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 123.05

Emendi jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-emendi għall-ordni prinċipali, kif speċifikati fil-Protokoll muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"), saru mal-Gvern tar-Renju tal-Belġju;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-emendi għandu jkollhom effett wara li jidħol fis-seħħ il-Protokoll u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll;

(ċ) illi l-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li tkun mħabbra b'avviż fil-Gazzetta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA
Artikolu 2

PROTOKOLL
LI JEMENDA L-FTEHIM
BEJN
L-ISTAT TA' MALTA
U
IR-RENJU TAL-BELĠJU
GĦALL-ĦELSIEN MIT-TAXXA DOPPJA
U
TĦARIS MINN EVAŻJONI FISKALI,
U L-PROTOKOLL,
IFFIRMAT FI BRUSSELL FIT-28 TA' ĠUNJU 1974,
KIF EMENDAT BIL-FTEHIM SUPPLIMENTARI
IFFIRMAT FI BRUSSELL FIT-23 TA' ĠUNJU 1993

IL-GVERN TA' MALTA

IL-GVERN TAR-RENJU TAL-BELĠJU

BILLI JIXTIEQU jemendaw il-Ftehim bejn l-Istat ta' Malta u r-Renju tal-Belġju għall-ħelsien mit-taxxa doppja u tħaris minn evażjoni fiskali, u l-Protokoll, iffirmat fi Brussell fit-28 ta' Ġunju 1974, kif emendat bil-Ftehim Supplimentari iffirmat fi Brussell fit-23 ta' Ġunju 1993, (hawn iżjed 'l quddiem imsejjaħ il-Ftehim)

FTEHMU kif ġej:

ARTIKOLU I

It-test tal-Artikolu 26 tal-Ftehim għandu jiġi mħassar u sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tkun prevista bħala rilevanti għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew għall-amministrazzjoni jew l-infurzar tal-liġijiet domestiċi rigward taxxi ta' kull tip u għamla imposti minn jew f'isem l-Istati Kontraenti, sakemm it-taxxa li taqa' taħthom ma tmurx kontra l-Ftehim. L-iskambju ta' informazzjoni mhuwiex ristrett bl-Artikoli 1 u 2.

2. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta taħt il-paragrafu 1 minn Stat Kontraenti għandha tiġi ittrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħal informazzjoni li tinkiseb taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li jkollhom x'jaqsmu mal-istima jew il-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, id-deċizjoni ta' appelli dwar it-taxxi msemmija fil-

VERŻJONI ELETTRONIKA

paragrafu 1, jew għat-tħaris ta' dak ta' hawn fuq. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuh jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji. Minkejja dak ta' hawn fuq, informazzjoni riċevuta minn Stat Kontraenti tista' tiġi użata għal għanijiet oħra meta dik l-informazzjoni tkun tista' tiġi użata għal dawk l-għanijiet l-oħra taħt il-liġijiet taż-żewġ Stati u l-awtorità kompetenti tal-Istat li jagħti l-informazzjoni jawtorizza dak l-użu.

3. F'ebda każ m'għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

(a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali tal-amministrazzjoni ta' dak l-Istat Kontraenti jew tal-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tkun tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess kummerċjali, jew informazzjoni, li meta din tiġi żvelata tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

4. Jekk tintalab xi informazzjoni minn Stat Kontraenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu juża l-mezzi li jkollu għall-ġbir tal-informazzjoni biex jiġbor l-informazzjoni mitluba, ukoll jekk dak l-Istat l-ieħor jista' ma jkollux bżonn dik l-informazzjoni għall-finijiet tiegħu ta' taxxa. L-obbligu li jinsab fis-sentenza ta' qabel hu soġġett għal-limitazzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu iżda dawk il-limitazzjonijiet m'għandhom f'ebda każ jiftiehmu bħala li jħallu lil xi Stat Kontraenti li jonqos milli jagħti xi informazzjoni biss għaliex ma jkollu ebda interess domestiku f'dik l-informazzjoni.

5. F'ebda każ ma għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jiftiehmu bħala li jħallu lil Stat Kontraenti jirrifjuta milli jipprovdi informazzjoni biss għaliex dik l-informazzjoni tkun qegħda tinżamm minn xi bank, minn xi istituzzjoni finanzjarja oħra, *trust*, fondazzjoni, *nominee* jew minn xi persuna li tkun qegħda taġixxi f'xi kapaċità ta' aġent jew fiduċjarju jew għaliex ikollha x'taqsam ma' xi interessi dwar proprjetà f'xi persuna. Sabiex tikseb dik l-informazzjoni l-amministrazzjoni tat-taxxa tal-Istat Kontraenti mitlub għandu jkollha l-poter li titlob biex informazzjoni tiġi żvelata u li tagħmel investigazzjonijiet u tisma' xhieda minkejja kull dispożizzjoni fil-liġi domestika tagħha dwar taxxa li jkun kuntrarju għal dan.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

ARTIKOLU II

Kull wieħed mill-Istati Kontraenti għandu javża lill-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' kanali diplomatiċi, li jkunu ġew mħarsa l-proċeduri meħtieġa mill-liġi tiegħu biex ikun jista' jibda jseħħ dan il-Protokoll. Il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data li tiġi l-aħħar ta' dawn l-avviżi u d-dispożizzjonijiet tiegħu għandu jkollhom effett:

a) dwar taxxi dovuti minn ras il-għajn fuq *income* akkreditat jew li għandu jitħallas fi jew wara l-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufin wara dik li fiha il-Protokoll jidħol fis-seħħ;

b) dwar taxxi oħra li jinġabru fuq *income* ta' perjodi taxxabbli li jibdew għaddejjin fi jew wara l-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih wara is-sena li fiha il-Protokoll jidħol fis-seħħ;

ċ) dwar xi taxxi oħra imposti minn jew f'isem l-Istati Kontraenti, dwar kull taxxa oħra dovuta rigward avvenimenti taxxabbli li jkunu ġraw fi jew wara l-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih wara s-sena li fiha l-Protokoll jidħol fis-seħħ.

ARTIKOLU III

Dan il-Protokoll, li għandu jifforma parti integrali mal-Ftehim, għandu jibqa' fis-seħħ sakemm il-Ftehim jibqa' fis-seħħ u għandu japplika sakemm il-Ftehim innifsu jkun applikabbli.

B'XIEHDA TA' DAN, is-sottoskritti awtorizzati kif imiss mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL in duplikat fi Brussell, illum 19 ta' Jannar 2010, fl-ilsien Ingliż.

GĦALL-GVERN TA' MALTA	GĦALL-GVERN TAR-RENJU TAL-BELĠJU
TONIO FENECH	DIDIER REYNDERS